DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMIJIET TA' KWALIFIKAZZJONI GĦAL *LEARNING SUPPORT EDUCATOR* SUPPLIMENTARI (SLSE) LI JIXTIEQU JAPPLIKAW GĦAL SEJĦIET TAS-SLSE MAĦRUĠA MILL-ISTAT U MHUX TAL-ISTAT LI M'GĦANDHOMX FIL-PUSSESS TAGĦHOM PASS FIS-SEC/LIVELL ORDINARJU F'WIEĦED JEW AKTAR MINN DAWN IS-SUĠĠETTI LI ĠEJJIN: IL-MALTI, L-INGLIŻ U L-MATEMATIKA

1.1 Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali qed jilqgħu applikazzjonijiet għal eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni fil-Malti, L-Ingliż u l-Matematika għall-applikanti li huma interessati japplikaw għall-pożizzjoni ta' *Learning Support Educator* Supplimentari (SLSE), li m'għandhomx fil-pussess tagħhom wieħed jew aktar mir-rekwiżiti fil-Livell Ordinarju (Livell "O" grad A-C) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, fil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika.

1.2 L-eliġibbiltà għall-pożizzjoni ta' SLSE hija soġġetta li jintlaħqu l-kriterji kollha tal-eliġibbiltà fis-sejħa pubblika għal SLSE pubblikata fil-Gazetta tal-Gvern iddatata 11 ta' Novembru 2022. L-applikazzjonijiet mill-applikanti għall-pożizzjoni ta' SLSE jibdew jintlaqgħu direttament u proċessati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u kwalunkwe sejħiet maħruġa minn skejjel mhux tal-Istat.

1.3 Il-marka massima ta' kull eżami hija ta' 100 marka, b'minimu ta' *pass mark* ta' 50 marka.

## Is-Salarju

2.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' SLSE huwa ekwivalenti għall-minimu ta' Skala ta' Salarju 15 li fl-2022 huwa ta' €15,717 fis-sena.

2.2 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-Unjin kompetenti.

## Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

3.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikollhom tmintax-il sena (18) jew aktar.

## L-Eżamijiet tal-kitba għal SLSE fil-Malti, l-Ingliz u l-Matematika

4.1 L-eżamijiet kollha (il-Malti, l-Ingliż u l-Matematika) jikkonsistu f'eżami bil-miktub għal kull suġġett. Kull eżami jkun ta' siegħa u tletin minuta (1½ siegħa) maħsub biex jevalwa l-ħiliet tal-kandidati fis-suġġett.

4.2. Il-kandidati jridu jiksbu klassifikazzjoni ta' 50% biex jgħaddu mill-eżami/i ta' kwalifikazzjoni.

4.3. Dawn l-eżamijiet se jsiru mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Kopja tas-sillabu tista' tiġi aċċessata minn din il-link: https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/.

4.4 Il-kandidati jkunu meħtieġa jħallsu miżata mhux rifondibbli ta’ €9.30 għal kull suġġett li għalih saret l-applikazzjoni. L-eżamijiet ta’ kwalifikazzjoni għall-SLSE se jsiru f’Jannar 2023.

4.5. L-applikanti li diġà għandhom il-*passes* meħtieġa fil-livell Ordinarju (Livell “O” grad A-C) u/jew Ċertifikat ta’ Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, fil-Malti, fl-Ingliż u l-Matematika m’għandhomx għalfejn japplikaw għal dan/dawn l-eżami/jiet ta’ kwalifikazzjoni.

4.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta b’mod sommarju kull kandidat li, waqt li jkun għaddej l-eżami, jinstab ħati ta’ mġiba ħażina jew ta’ xi ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa lill-kandidati.

4.7. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jirriżerva d-dritt li jannulla l-eżami jekk tinstab xi irregolarità b’rabta ma’ dan. Tali annullament jista' jkun fir-rigward tal-eżami kollu anki jekk l-irregolarità misjuba tkun fir-rigward ta' suġġett wieħed biss jew ta' stadju partikolari tal-eżami.

4.8. Id-Direttur tal-Eżamijiet se jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub fuq in-*noticeboard* ta’ Edu Servizz.gov (One Stop Shop) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, u l- Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex.

4.9. Notifika tar-riżultat tal-eżami tintbagħat ukoll permezz ta’ imejl lill-kandidati li għaddew minn valutazzjoni u li ssottomettew indirizz elettroniku mal-applikazzjoni tagħhom. Se tintbagħat ukoll twissija ta’ kortesija b’SMS lill-kandidati kollha li jipprovdu numru validu tal-mowbajl.

4.10. Talbiet għar-reviżjoni tal-karti għandhom jiġu sottomessi lid-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 4.9. hawn fuq. L-istruzzjonijiet dwar kif tapplika għal reviżjoni tal-karta se jiġu inklużi mar-riżultat.

**Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

5.1 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondibbli) għandhom jiġu sottomessi online fuq is-sit https://myexams.gov.mt/applications/ minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 11 ta' Novembru 2022, sa 17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 2 ta’ Diċembru 2022.**

5.2 Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet u li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' email, bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq, biss jekk ikollhom din l-irċevuta.

5.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara l-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet ma jiġux ikkunsidrati.